MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 105/2006/2

## Preliminari

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti:

[a] ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess konvenut;

[b] ordnat lill-konvenut sabiex, b'effett mill-1 ta' Novembru 2011, ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar, *rebus sic stantibus*;

[c] iddikjarat ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u assenjat lill-attrici l-vettura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni MXD 307, l-ghamara u l-mobbli prezenzjalment fid-dar konjugali numru 58 Cane Street, kantuniera ma' 27 [72] Sacred Heart Street, Birkirkara, l-assigurazzjoni fuq hajjitha, *HSBC Insurance Private Plan,* mal-Bank HSBC u l-kontijiet bankarji f'isimha, filwaqt li lill-konvenut assenjatlu l-vettura Opel b'numru tar-registrazzjoni PXM 017, l-oggetti kollha fil-forn gestit minnu bl-avvjament taht l-isem Eatwell Bakery, kif ukoll il-kontijiet bankarji f'ismu; inoltre, ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici, ghal darba wahda biss, is-somma ta' tmienja u tletin elf, disa' mija tlieta u disghin Euro (€38,993) flimkien mas-somma ta' sittax-il elf u hamsa u tletin Euro (€16,035), b'kollox ammontanti ghal hamsa u hamsin elf u tmienja u ghoxrin Euro (€55,028) bl-imghaxijiet ta' 8% mill-1 ta' Settembru 1993; dik l-istess Qorti ordnat ukoll li l-kontijiet bankarji f'isem iz-zewg partijiet flimkien jinqassmu f'ishma ndaqs bejniethom;

[d] applikat fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut.

**3.** Il-konvenut appella minn din is-sentenza, u bbaza l-appell tieghu fuq hames aggravji li jirrigwardaw [1] it-tort tas-separazzjoni, [2] il-manteniment li hu gie ordnat jissomministra lill-attrici, [3] l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, [4] l-applikazzjoni fil-konfront tieghu tal-Artikolu 48 fuq citat, u [5] l-ispejjez tal-kawza.

**4.** Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut, wara li spjega l-aggravji tieghu, talab li din il-Qorti tirrevoka in parte s-sentenza appellata, u tirriformaha fis-sens li tiddikjara li l-htija ghas-separazzjoni personali hi attriwibbli unikament lill-attrici, jew alternattivament, liz-zewg partijiet; tirrevoka l-ordni ghal hlas ta' manteniment favur l-attrici; tiddikjara li ebda somma ma hi dovuta lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, jew alternattivament tordna l-hlas ta' somma inferjuri ghal dik fuq imsemmija bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza; tirrevoka dik il-parti fejn gie

applikat fil-konfront tieghu d-dispost tal-Artikolu 48 fuq citat; u li l-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-attrici, jew alternattivament b'ishma ndaqs bejn il-partijiet.

**5.** Inoltre, b'rikors sussegwenti huwa ssolleva n-nullita` tal-proceduri kollha, inkluza s-sentenza appellata, peress li l-kawza saret wara xaharejn mid-digriet moghti fl-gheluq tal-medjazzjoni fl-14 ta' Novembru 2005.

*L-ewwel aggravju*

**6.** Jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Lulju 1981, meta allura l-attrici kellha ghoxrin (20) sena u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin (21) sena. Minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum it-tnejn huma maggorenni.

**7.** Il-konvenut li jiggestixxi l-forn *Eatwell Bakery*, kien jahdem sieghat twal li kienu jinkludu l-iljieli, filwaqt li l-attrici kienet fir-rwol ta' mara tad-dar tiehu hsieb il-familja.

**8.** Wara circa ghaxar (10) snin mid-data taz-zwieg, il-konvenut dahal f'relazzjoni ma' certu Maria Zammit. Din ir-relazzjoni kienet kawza ta' hafna inkwiet fil-hajja matrimonjali tal-partijiet, u kellha bhala konsegwenza taghha tibdil fil-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' uliedu, u f'hajtu in generali.

**9.** Jidher li wara xi zmien din ir-relazzjoni adulteruza giet terminata, u l-attrici hafret lill-konvenut li allura kien rega' mar jghix mal-familja tieghu fid-dar matrimonjali.

**10.** Izda, wara ftit taz-zmien huwa rega' qabad mal-imsemmija Maria Zammit u mar jghix maghha. Dawn damu jghixu flimkien ghal circa ghaxar (10) snin li matulhom kellhom zewgt itfal.

**11.** Eventwalment il-konvenut rega' mar jghix ma' l-attrici, izda rizultat tax-xorb, il-komportament hzien b'mod li l-attrici kienet kostretta li tghidlu sabiex jitlaq mid-dar matrimonjali.

**12.** Wara li telaq mid-dar, il-konvenut dahal f’relazzjoni ma’ certu Connie Sacco, u wara li ghex ma’ din circa sena, ir-relazzjoni thassret, u l-konvenut mar jghix mal-genituri tieghu.

**13.** Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni li t-tort tas-separazzjoni kien jirrisjedi unikament fuq il-konvenut, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“Illi jirriżulta minn dak li ntqal allura li l-attriċi ppruvat aktar minn darba ssalva ż-żwieġ u *nonostante* li ħafret lillkonvenut wara li dan kellu relazzjoni ma’ mara oħra u kellu anke żewġt itfal mingħandha. Dan reġa’ għall-ħajja ta’ qabel u beda relazzjoni ma’ tal-inqas mara oħra jekk mhux tnejn; barra dan anke biegħ waħdu proprjeta’ talkomunjoni, u ċjoe’ d-dar Hal Lija bil-garaxx anness magħha u vettura Mercedes. Minn dan l-attriċi ma ħadet xejn u dwar dan kollu hemm provi altru milli suffiċjenti.

“Illi għaldaqstant il-Qorti taqbel pjenament mal-konklużjonijiet tal-perit legali f’dan l-aspett u t-tort għal din is-separazzjoni huwa unikament tal-konvenut; wieħed ma jistax ma jissimpatiżżax mal-attriċi għal dak li kellha tgħaddi minnu. A skans ta’ ripetizzjoni l-Qorti tagħmel riferenza għall-konklużjonijiet tal-perit legali kontenuti fil-fol 449 *et sequitur* u tagħmilhom tagħha.”

**14.** Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut jaghti tliet (3) ragunijiet principali ghaliex fil-fehema tieghu l-htija tas-separazzjoni kienet tirrisjedi fuq l-attrici, jew alternattivament fuq iz-zewg partijiet:

“[i] Jghid li meta zzewweg huwa ma kienx ghadu lest ghaz-zwieg u l-attrici kienet ghamlet *“pressjoni qawwija matul l-gherusija”* sabiex jizzewwgu. Huwa ceda ghal din il-pressjoni u *“dahal fi zwieg li kien ghadu m’ huwiex lest ghalih.”*

“[ii] Jghid li l-attrici ghandha *“karattru difficli hafna”* u kienet dominanti matul iz-zwieg. Ma kienitx tikkunsidra l-bzonnijiet u x-xewqat tieghu, u ma kienitx tikkoopera fil-

gestjoni tal-forn, billi kienet tirrifjuta taghti l-kunsens taghha ghas-self bankarju mehtieg ghan-negozju tieghu.

“[iii] Huwa kien jahdem sieghat twal hafna, u kien ikollu jqatta’ il-ljeli barra mid-dar u ‘l boghod mill-familja minhabba x-xoghol tieghu. Kien jahdem sitt ijiem fil-gimgha mill 5.00 pm sal-10.00 am, izda l-attrici ma kienitx tapprezza l-isforzi tieghu u *“qatt ma kienet tikkumplimenta dawn is-sieghat twal ta’ xoghol illi huwa kien jaghmel billi tikkoopera fil-bzonnijiet tan-negozju.”*

**15.** Illi fir-rigward din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

**16.** Fl-ewwel lok ghandu jinghad li din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk ma jirrizultax li sar zball manifest li minhabba fih parti ser issofri ngustizzja.

**17.** Fil-kaz in dizamina, l-ewwel Qorti strahet fuq il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, konfermata wkoll minn missierha, u miz-zewg ulied maggorenni tal-partijiet. Mill-provi jirrizulta manifest, li r-raguni tat-tilwim bejn il-partijiet kienet l-infedelta` manifesta tal-konvenut fiz-zwieg, u ghalkemm l-attrici, b’tentattiv li ssalva z-zwieg, hafritlu l-ewwel relazzjoni adulteruza li kellu ma’ Maria Zammit, il-konvenut xorta wahda baqa’ jippersisti fl-infedelta` tieghu, tant li sussegwentement kien mar jghix ma’ l-istess Maria Zammit ghal circa ghaxar (10) snin li matulhom kellu zewgt itfal minnha. Izda anke meta giet terminata din ir-relazzjoni, u ghalkemm l-attrici kienet accettat li konvenut jirritorna fid-dar konjugali, dan, wara circa sentejn rega’ dahal f’relazzjoni ohra ma’ mara ohra.

**18.** F’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut ftit li xejn ghandu skuzi ma x’hiex jiggranfa biex jiggustifika l-agir abbuziv tieghu fil-konfront ta’ martu u uliedu. Huwa johrog bil-pretest patetiku li kien izzewweg minhabba pressjoni qawwija li kellu mill-attrici, u li ma kienx ghadu lest ghaz-zwieg. Izda dan ma jsibx korraborazzjoni fil-provi, anzi l-provi juru l-kuntrarju, u cioe` li meta dahal ghall-hajja

matrimonjali l-konvenut kien jahdem hafna sabiex jiggestixxi n-negozju u jghajjex il-familja, u kien biss wara circa ghaxar (10) snin fil-konvivenza matrimonjali li huwa beda jivvjola l-obbligu tal-fedelta` fiz-zwieg, u dahal f'relazzjoni extra-matrimonjali, bil-miftuh.

**19.** Inoltre, il-Qorti tosserva li anke jekk *dato non concesso* l-konvenut ma kienx lest ghaz-zwieg meta zzewweg, ir-rimedju kellu jsibu fil-mezzi li taghtih il-ligi, bhala per ezempju jitlob hu s-separazzjoni, jew anke l-annullament jekk il-kaz, izda ma kienx gustifikat li jwarrab l-obbligu tal-fedelta` fiz-zwieg. Fi kliem iehor, il-konvenut seta' ghamel uzu mill-mezzi rimedjali li taghti l-ligi, izda mhux juza' mezzi vjolattivi tal-ligi.

**20.** Il-konvenut jghid li martu ghandha karattru difficli hafna u dominanti. Izda dan ma jirrizultax mill-provi. Jghid ukoll li l-attrici ma ikkooperatx mieghu fil-gestjoni tan-negozju meta kienet irrifjutat li taghti l-kunsens taghha ghal self bankarju li ried jakkwista l-konvenut biex jimmodernizza l-makkinarju tieghu.

**21.** Fir-rigward il-Qorti tosserva li, il-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu ma kienx wiehed li jispira fiducja, u, ir-riluttanza tal-attrici li torbot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti b'self bankarju hija fic-cirkostanzi gustifikata. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien ihalli lill-attrici fl-ghama dwar il-finanzi u l-andament tan-negozju, u kien jaghmel l-affarijiet minn wara darha, tant li anke biegh ad insaputa taghha d-dar *La Mirage* li l-partijiet kienu bnew fl-ewwel snin taz-zwieg, u zamm ir-rikavat hu.

**22.** Fir-rikors tieghu l-konvenut jghid li l-ewwel Qorti *"ma kkunsidratx il-fatt ukoll illi anke l-appellant, minn naha tieghu, kien ghamel hiltu wkoll kemm-il darba sabiex jipprova jsalva l-istess zwieg."* Din il-Qorti tinsab verament perplessa b'din l-affirmazzjoni da parti tal-konvenut, li mhux biss ma tirrizultax mill-provi, imma hija kontraddetta mill-istess. Il-provi juru bic-car li kien proprju l-komportament abbuziv tieghu, u cioe` l-infedelta` sfaccata u kontinwa fiz-zwieg, li kienet ir-rovina tal-istess zwieg, u dan minkejja l-isforzi da parti tal-attrici li f'xi zmien kienet

anke accettatu lura fid-dar konjugali wara li r-relazzjoni adulteruza tieghu ma’ Maria Zammit kienet waqfet.

**23.** Ghaldaqstant dan l-aggravju, mhux biss mhux gustifikat, izda jirrazenta l-fieragh.

*It-tieni aggravju*

**24.** Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut jissomministra lill-attrici manteniment “nominali” ghaliha fl-ammont ta’ mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar, u li taqra hekk:

**“**Illi l-obbligu tal-manteniment jiskaturixxi mill-Artikoli 3, 19, 20 u 54 tal-Kodiċi Ċivili. L-attriċi hija mpjegata *full time* mal-Kunsill Lokali tal-Imsida u tipperċepixxi ċirka disgħat elef u ħames mitt Euro (€9,500) fis-sena. Il-konvenut kien jiġġestixxi forn iżda lejn tmiem il-proċeduri sostna li l-kirja tal-forn intemmet u ma kienx qed jaħdem. Il-Qorti tħoss li bħal ħafna persuni li jkunu jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ, ilkonvenut qed jagħmel ukoll kulma jista’ biex jiprova jaħrab l-obbligazzjonijiet tiegħu naxxenti miż-żwieġ. Dan meta kif irriflettiet il-perit legali, il-qliegħ tiegħu fl-2002 kien ta’ kważi sebat elef lira Maltin (Lm7,000) ċirka ħmistax-il elf Euro (€15,000). L-aħħar qliegħ dikjarat kien għas-sena 2008 – ħdax-il elf Euro (€11,000) ċirka. Il-Qorti jidhrilha li l-obbligi tal-konvenut fir-rigward m’għandhomx jitħallew jintemmu u se takkorda manteniment nominali ta’ mija u ħamsin Euro (€150) fix-xahar biex għall-inqas l-attriċi jkollha ftit tas-sostenn għaliex hija qed tħallas ukoll kera mensili għall-abitazzjoni tagħha u l-istat li ġiet fih jaħti għalih biss il-konvenut li bil-ħajja sregolata li għex wassal lil familtu f’din is-sitwazzjoni. Barra minn hekk l-attriċi x’aktarx li tilfet opportunitajiet biex taħdem u jkollha karriera biex trabbi l-familja u mhux ġust li ma tkunx indirettament kumpensata għal dan.”

**25.** Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut isostni li hu m’ghandux ihallas ebda manteniment lil-attrici peress li din tahdem u ghandha introjtu adegwat. Di fatti fix-xhieda taghha tghid li *“Illum li jkolli bzonn ghalija nixtrih. B’li*

*naqla' jien nghaddi*"[1] Inoltre, jirrizulta li, filwaqt li fis-sena 2008 hu kellu introjtu ta' hdax-il elf Euro (€11,000) llum 'il gurnata huwa waqaf mix-xoghol, kemm ghaliex ma jiflahx jahdem dawk is-sieghat twal li x-xoghol ta' furnar jirrikjedi, kif ukoll ghax il-kirja tal-fond li fih kien hemm il-forn u d-dar matrimonjali skadiet fit-13 ta' April 2011, u hu ma jiflahx ihallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar mitlub mis-sid bhala kera ghal tliet (3) snin. Ghalhekk kellu jirtira mix-xoghol. In sostenn tal-allegazzjoni tieghu li llum hu m'ghadux jahdem il-konvenut, jghid li pprezenta dokument XZ1 man-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda dan mhuwiex fl-atti.

**26.** Mill-provi jirrizulta li f'xi zmien l-attrici, minbarra l-impieg *full-time* li ghandha mal-Kunsill Lokali tal-Msida, kienet ukoll taghmel xoghol ghal rasha bhala receptionist mas-socjeta` CareMalta Ltd. Rizultat ta' dan ix-xoghol *part-time*, fis-sena 2008 hija kellha introjtu globali ta' circa hdax-il elf, tliet mija u hames Euro (€11,305). Izda fl-4 ta' Lulju 2010 irrizenjat minhabba ragunijiet ta' sahha.

**27.** Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li dan m'ghadux jahdem u kellu jirtira mix-xoghol, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li dan ghandu s-sengha ta' furnar u ghamel circa tletin (30) sena jiggestixxi dan in-negozju, u fin-nuqqas ta' prova cara li minhabba kundizzjoni ta' sahha huwa mhuwiex tajjeb ghax-xoghol, ikkunsidrat ukoll li mhuwiex avvanzat fl-eta`, u ghalhekk ghadu kapaci jiggestixxi forn, anke jekk hemm bzonn, bl-ghajnuna ta' impjegat, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehema li l-konvenut ma rnexxielux igib prova sufficjenti ta' din l-allegazzjoni tieghu, u cioe` li mhux qed jahdem u mhux kapaci jahdem. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li, ghall-finijiet tal-manteniment, tiehu bhala *benchmark* dak li kien iddikjara l-konvenut fl-ahhar karta tat-taxxa esebita minnu, minn fejn jirrizulta li fis-sena 2008 dan kien iddikjara introjtu ta' hdax-il elf, mija u wiehed u disghin Euro (€11,191).

[1] Fol.156 – Dep. 16 April 2009

**28.** Rigward l-allegazzjoni tal-attrici li din kienet waqfet mill-impieg *part-time* taghha ta' *"receptionist/security"* mal-CareMalta Ltd, minhabba kundizzjoni medika, din l-allegazzjoni ma ssibx sostenn fil-provi.

**29.** Ghalhekk fil-fehema ta' din il-Qorti ghandu jitqies li l-partijiet ghandhom circa l-istess introjtu. Izda, filwaqt li l-attrici, wara li giet terminata l-kirja tal-fond fejn kien hemm id-dar matrimonjali, kellha ssib post bil-kera fejn toqghod ma' binha, il-konvenut jghix mal-genituri tieghu u ghalhekk m'ghandux spejjez ta' kera.

**30.** Illi tenut kont tal-premess, u wkoll tal-fatt li ghal firda jahti biss il-konvenut, rizultat principalment tar-relazzjonijiet extra-matrimonjali li dan kellu ma' nisa ohra, huwa ghandu l-obbligu li jkompli jhallas manteniment lill-attrici, izda fis-somma ta' mija u ghoxrin ewro mija u ghoxrin Euro (€120) fix-xahar biex jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' abitazzjoni li din necessarjament kellha tinkorri.

**31.** Inoltre dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-Gvern dwar l-gholi tal-hajja.

*It-tielet aggravju*

**32.** Dan jirrigwarda l-qsim tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, u partikolarment, ir-rikavat mill-fond bejgh tal-fond *La Mirage* f'Ganu Street, Birkirkara, u t-trasferiment tal-vettura Mercedes ghal fuq missieru.

**33.** L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi l-Qorti anke hawn taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li fir-rigward kemm tal-qsim tal-komunjoni kif ukoll fir-rigward tal-fatt li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi nofs il-qliegħ li għamel bil-bejgħ tad-dar konjugali l-Mercedes fl-1993 ftit wara li daħlu fis-seħħ l-emendi fil-Kodiċi Ċivili fil-liġi talfamilja. Huwa ma setax jagħmel dan mingħajr il-kunsens ta' martu. Kuntrarjament għal dak li sostna l-istess konvenut fin-nota tiegħu, ma hemm ebda indikazzjoni li dawn il-flus intefqu għall-bżonnijiet tal-familja; anzi lkonvenut għaġġel b'dawn il-venditi proprju

meta kien se jabbanduna l-familja tiegħu biex waqqaf familja oħra. Naturalment huwa kellu kull liberta' li jagħmel dan, pero' ma kellu ebda dritt iċaħħad lil martu minn sehemha millqliegħ ta' dak il-bejgħ. Għalhekk il-Qorti taqbel malkonklużjoni tal-perit legali illi huwa għandu jirrifondi nofs dak il-qliegħ bl-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Settembru 1993 – dawn jammontaw għal tmienja u tletin elf, disa' mija u tlieta u disgħin Euro (€38,993) għad-dar konjugali u sittaxil elf tliet mija u ħames Euro (€16,305) għall-vettura. Dan għandu jsir mhux tant bħala ekwiparazzjoni kif issuġġeriet il-perit legali, iżda bħala rifużjoni għal qliegħ li l-konvenut għamel bil-vendita' tal-istess proprjetajiet u li huwa ċaħħad lill-attriċi minnu għal dawn is-snin."

**34.** F'dan l-aggravju, il-konvenut jilmenta principalment minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hu gie ordnat ihalli lill-attrici s-somma ta' hamsa u hamsin elf u tmienja u ghoxrin Euro (€55,028) bl-imghaxijiet ta' 8% mill-1 ta' Settembru 1993. Huwa ma jaqbilx li din is-somma, kif ukoll is-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u hdax-il Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€32,611.22) rapprezentanti l-valur tal-vettura Mercedes, kif likwidata *arbitrio boni viri*, mill-ewwel Qorti, kellhom jitqiesu fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

**35.** Jghid li fix-xhieda tieghu huwa kien ta *"rendikont car"* ta' x'sar mir-rikavat taghhom. Saru xoghlijiet fil-fond matrimonjali u fil-forn, kif ukoll hallas ghal diversi safriet li ghamlet l-attrici u t-tifla taghha. Ghalhekk isostni li r-rikavat tgawda anke mill-attrici.

**36.** Jghid ukoll li, galadarba jirrizulta li l-vettura Mercedes, stmata sittax-il elf u hamsa u tletin Euro (€16,035), inxtrat mir-rikavat tal-bejgh tal-fond, dan l-ammont, m'ghandux jizdied mal-istess rikavat ta' tmienja u tletin elf, disa' mija u tlieta u disghin Euro (€38,993), biex flimkien jaghmlu s-somma ta' hamsa u hamsin elf u tmienja u ghoxrin Euro (€55,028), ghax altrimenti jkun qed ihallas lill-attrici l-imsemmi ammont ta' sittax-il elf u hamsa u tletin Euro (€16,035) darbtejn.

**37.** Il-fatti relevanti huma dawn.

**38.** Matul l-ewwel ghaxar (10) snin tal-konvivenza matrimonjali, il-partijiet kienu xtraw bicca art imdaqqsa, bl-iskop li jibnu fond li kellu jservi bhala d-dar matrimonjali taghhom, tenut kont tal-fatt li huma kienu qed jghixu f'post mikri. Id-dar inbniet u kienet lesta minn hafna affarijiet.

**39.** Fl-1 ta' Settembru 1993, meta kien diga` inqala l-inkwiet bejn il-partijiet, u l-konvenut kien qed jghix ma' Maria Zammit, huwa biegh dan il-fond, ad insaputa tal-attrici, bil-prezz indikat ta' sitta u tletin elf Liri Maltin (Lm36,000), li minnu ghandu jitnaqqas l-ammont ta' elfejn, hames mija u tletin Liri Maltin (Lm2,530) imhallsa mill-konvenut venditur bhala *Provisional Capital Gains Tax.* Ghalhekk, rizultat ta' dan il-bejgh dahal fil-komunjoni tal-akkwisti l-ammont ta' tlieta u tletin elf, erba' mija u sebghin Liri Maltin (Lm33,470), ekwivalenti llum ghal sebgha u sebghin elf, disa' mija u sebgha u tmenin Euro (€77,987), li l-konvenut zamm ghalih. Fl-istess zmien, u allura meta kien diga` qed jghix ma' Maria Zammit, il-konvenut xtara l-karozza Mercedes Benz PXM 250 li skont l-istess konvenut swiet hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000), filwaqt li l-attrici tghid li hu kien qalilha li kien xtraha erbatax-il elf Liri Maltin (Lm14,000), ekwivalenti llum ghal tnejn u tletin elf, sitt mija u hdax-il Euro (€32,611), li huwa l-ammont li l-ewwel Qorti llikwidat *arbitrio boni viri* ghal din il-vettura fiz-zmien tal-likwidazzjoni,.

**40.** Irrizulta li, wara l-bejgh tal-imsemmi fond, il-konvenut ghamel diversi xoghlijiet fid-dar matrimonjali, inkluzi kcina gdida, saqaf u soffitti, u ghamel *refurbishment* tal-makkinarju fil-forn, kif wkoll kien hallas ghal diversi safriet li ghamlet l-attrici u t-tifla tieghu. B'hekk jghid li kulhadd gawda mir-rikavat tal-prezz.

**41.** Rigward il-vettura Mercedes il-konvenut jghid li hu kien eventwalment ittrasferiha fuq missieru ghas-saldu tad-dejn li kellu mieghu peress li missieru kien iselfu l-flus meta kien hemm bzonn. Fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid: *"... missieri kien selifni somma ta' flus, li f'dan il-kaz kienet ta' madwar LM10,000. Jien fil-fatt kont imbaghad ghamilt ix-xogholijiet [fil-forn] kollha li kien hemm bzonn*

*b'din is-somma. ... kont infaqt dawn il-flejjes kollha fil-forn…"*[2]

**42.** Illi huwa principju kardinali f'materja ta' prova li min jallega ghandu l-oneru tal-prova tal-fatt allegat minnu. Ghalhekk f'dan il-kaz il-prova li r-rikavat kollu gie uzat ghal beneficju tal-familja kollha tirrisjedi fuq il-konvenut li jipprova dak li qed jallega. Inoltre, il-fatt li l-attrici ma attakkatx il-bejgh tal-imsemmi fond, kif setghet taghmel [stante li sar wara l-emendi introdotti bl-Att XXI tas-sena 1993], m'ghandux ikollu bhala konsegwenza tieghu dak li titlef s-sehem taghha skont il-ligi, u zgur li ma jnaqqasx xejn mill-oneru tal-konvenut li jipprova b'mod sodisfacenti dak li allega.

**43.** F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-provi dwar x'sar mir-rikavat tal-bejgh huma skarsi ghall-ahhar, u hemm biss l-allegazzjoni tal-konvenut li l-ispejjez kollha fuq indikati maghmula fid-dar matrimonjali u fil-forn, kif ukoll ix-xiri tal-Mercedes, saru minn dan ir-rikavat.

**44.** In propozitu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[A] Il-fatt li l-konvenut biegh id-dar meta ma kienx qed jghix ma' l-attrici, u ad insaputa taghha, iqajjmu suspetti legittimu li hu ried jippriva lill-attrici minn sehema minn dan il-fond.

[B] Fiz-zmien li saru l-ispejjez fuq indikati, il-konvenut kien ghadu jiggestixxi l-forn u jiggenera introjtu, u ghalhekk kienet tezisti fonti ohra minn fejn setghu gew il-flus biex isiru dawn l-ispejjez.

[C] Rigward l-ispejjez li saru sabiex jigi modernizzat il-forn, il-konvenut stess jghid li dawn gew mill-flus li selfu missieru, u ghalhekk dan l-infieq huwa eskluz mir-rakavat tal-bejgh.

[C1] Hawnhekk din il-Qorti ma tistax ma ssemmix li, irrispettivament minn dak dikjarat mill-

---

[2] Fol.153

konvenut fil-karta tat-taxxa tieghu, huwa fatt notorju li l-furnara, ghalkemm jahdmu sieghet twal u matul il-lejl, ghandhom introjtu tajjeb hafna, u ghalhekk mhuwiex inverosimili l-flus biex saru l-ispejjez fid-dar matrimonjali gew mill-introjtu tieghu mill-fonr, liema introjtu huwa tal-komunjoni tal-akkwisti.

[C2] L-istess konsiderazzjoni tapplika wkoll ghax-xiri tal-vettura Mercedes. Ma hemm ebda prova, ghajr l-allegazzjoni tal-konvenut, li din inxtrat bil-flus tar-rikavat tal-bejgh tal-fond, kif wara kollox, lanqas ma hemm prova li meta l-konvenut, ad insaputa tal-attrici, ittrasferixxa din il-karroza lil missieru dan sar sabiex jigi saldat dejn mieghu. Missieru ma xehedx f' dawn il-proceduri, u ma gie prodott ebda dokument in sostenn ta' din l-allegazzjoni, izda gew prezentati biss ricevuti rigwardanti l-ispejjez li saru fil-forn.

[D] Illi ghalkemm il-konvenut jghid li mill-flus li nefaq gawdiet il-familja kollha, mill-provi jirrizulta li meta huwa xtara l-Mercedes kien diga' qed jabita ma Maria Zammit, u ghalhekk zgur li l-attrici ma gawdiet xejn mill-uzu tagha.

[E] In fine, tghodd il-konsiderazzjoni li, jekk verament il-konvenut ried jagixxa fl-interess tal-familja kollha, inkluz ta' martu, ma kien hemm xejn xi jzommu milli jinformaha li kien ser ibigh il-post, jew li kien ser jixtri karrozza lussuza. Il-bejgh u x-xiri klandestine ta' dawn l-assi tal-komunjoni, idghajjef serjament il-verzjoni tal-konvenut, u jiffortika l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li *"ma hemm ebda indikazzjoni li dawn il-flus intefqu ghall-bzonnijiet tal-familja, anzi il-konvenut ghaggel b' dawn il-venditi proprju meta kien ser jabbandudna l-familja tieghu biex waqqaf familja ohra."*.

**45.** Il-bejgh tad-dar, li kienet l-assi principali tal-komunjoni tal-akkwisti, u x-xiri ta' karozza lussuza, li saru bil-mohbi tal-attrici u fiz-zmien meta l-konvenut kien qed jghix ma' mara ohra, iwasslu necessarjament ghall-konkluzjoni li dawn saru, mhux biex l-attrici tgawdi sehemha, izda proprju biex jittanta jevita li din tiehu sehemha minn dawn l-assi skont il-ligi.

**46.** Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-parti tal-aggravju mhijiex gustifikata, u ghalhekk kemm ir-rikavat tal-bejgh tal-fond tal-komunjoni, kif ukoll il-valur tal-Mercedes trasferita mill-konvenut ghandhom jitqiesu bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti, b’mod li nofs ir-rikavat, u nofs il-valur tal-Mercedes jifformaw parti mis-sehem tal-attrici. Ghalhekk is-sehem tal-attrici minn dawn l-assi jammonta ghas-somma fuq indikata ta’ hamsa u hamsin elf u tmienja u ghoxrin Euro (€55,028).

**47.** Illi permezz ta’ dan l-aggravju l-konvenut jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li fuq l-imsemmi ammont ta’ hamsa u hamsin elf u tmienja u ghoxrin Euro (€55,028) jithallas l-imghax tat-8% mill-1 ta’ Settembru 1993 u jsostni li hu m’ghandux ihallas imghax, jew jekk il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi mghax, dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Huwa jibbaza dan l-aggravju tieghu fuq il-fatt li, minhabba r-rifjut da parti tal-attrici li taghti l-kunsens taghha ghal self bankarju, huwa kellu jirrikorri ghal ghand il-familjari tieghu, u ghalhekk il-Qorti ghandha fil-konsiderazzjonijiet taghha tikkunsidra *“l-ispejjez li saru f’dan is-sens”.*

**48.** Fir-rigward il-Qorti tikkunsidra din il-parti tal-aggravju infondat u dan peress li r-rifjut da parti tal-attrici li taghti l-kunsens taghha ghas-self bankarju jitqies fic-cirkostanzi bhala wiehed legittimu u f’kull kaz l-ispejjez allegatament inkorsi mill-appellanti ma jsibux sostenn fil-provi.

**49.** Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju mhijiex gustifikata.

*Ir-raba’ aggravju*

**50.** Dan jirrigwarda l-applikazzjoni fil-konfront tal-konvenut tal-Artikolu 48 tal-Kap.16. Il-konvenut isostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa’ l-hames talba u tapplika l-imsemmi artikolu fil-konfront tieghu, tenut kont li *“mill-provi ...... jirrizulta car u manifest li effettivament ma kienux jezistu r-ragunijiet sufficjenti ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront tieghu”.*

**51.** Fir-rigward, il-konvenut kien konciz hafna f'dan l-aggravju tieghu, u jakkampa wkoll mal-izball maghmul mill-perit legali fil-konkluzjoni taghha meta, filwaqt li fil-konsiderazzjonijiet osservat li fil-kaz tal-konvenut dan l-artikolu kien applikabbli *ex lege* tenut kont tal-adulterju manifest tieghu, fil-parti konkluzjonali tar-rapport taghha, b'*lapsus calami* ovvju, hija rrakkomdandat li l-Qorti tichad il-hames talba.

**52.** Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta l-adulterju manifest tal-konvenut, ghal perjodi twal fil-hajja matrimonjali, u li dan kien il-kagun principali tat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet.

**53.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*Il-hames aggravju*

**54.** Dan hu fis-sens li l-ispejjez tal-proceduri ma kellhomx jigu allokati lilu, jew alternattivament, kellhom ikunu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs.

**55.** Il-Qorti tosserva li, kif fuq osservat, il-htija ghas-separazzjoni personali tirrisjedi unikament fuq il-konvenut, u ghalhekk huwa gust li l-ispejjez kollha jkunu a kariku tieghu.

**56.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa wkoll infondat.

**57.** Illi b'rikorsipprezentat mill-konvenut fis-17 ta' April 2012, u cioe` wara li l-istess konvenut kien diga` pprezenta r-rikors tal-appell tieghu, dan ssolleva n-nullita` tad-digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu l-attrici kienet giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna, u dan fuq il-bazi li d-digriet inghata wara li skada l-perjodu ta' xaharejn mill-ewwel digriet li kien nghata fl-14 ta' Novembru 2005 fl-gheluq il-proceduri tal-medjazzjoni li saret skont id-dispozizzjonijiet tal-Avviz Legali 297 tas-sena 2003. Il-konvenut talab li l-proceduri kollha sussegwenti jigu dikjarati nulli, u f'kaz li din it-talba ma tigix milqugha, huwa jigi awtorizzat jaghmel fuq dan il-punt

referenza kostituzzjonali "anke referenza ghall-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu..."

**58.** Min-naha taghha l-attrici spjegat li wara li nghata l-ewwel digriet, hija kienet baqghet tittama u kompliet bl-isforzi taghha biex is-separazzjoni ssir bonarja, u kien meta dan kien ovvju li ma kienx ser isehh li kienet regghet talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tipprocedi ghal kawza. Hija tkompli tghid, "... li kieku l-intimat appellant ried jivvanta tali eccezzjoni huwa kellu kull opportunita` illi jaghmel dan meta pprezenta r-risposta guramentata tieghu izda huwa ma qajjem ebda eccezzjoni dwar nullita` la fir-risposta guramentata tieghu u lanqas fl-ebda stadju iehor tal-kawza sakemm inghatat is-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk zgur ma jistax iqajjem din il-kwistjoni f'dan l-istadju stante li huwa akkwijexxa ghall-atti procedurali tal-kawza."

**59.** Din il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li f'din il-kawza, li giet ipprezentata fit-22 ta' Marzu 2006, il-partijiet kellhom l-opportunita` shiha li jqajjmu l-punti kollha li dehrilhom, kif ukoll instemghu x-xhieda kollha prodotti minnhom. Fis-seduta peritali tal-4 ta' Novembru 2008 l-attrici ddikjarat li, salv ghal xi stimi dwar l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ma kellhiex aktar provi xi tressaq, u minn dakinhar 'il quddiem bdew jinstemghu l-provi kollha tal-konvenut sas-seduta mizmuna fis-7 ta' Lulju 2010 li biha l-konvenut iddikjara li ma kellux provi ohra. Fil-11 ta' Marzu 2011 gie pprezentat ir-rapport tal-perit legali, u sussegwentement iz-zewg partijiet ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Fl-ebda stadju ma kien hemm xi ilment dwar li parti ma kinitx qed tithalla tressaq provi.

**60.** Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehema li l-punt sollevat mill-appellant f'dan l-istadju ma jimmeritax li jigi akkolt: kemm ghax qabel il-kawza l-attrici pprocediet bil-procedura tal-medjazzjoni skont id-dispozizzjonijiet tal-avviz legali fuq indikat; kemm ghax imxiet mal-ligi meta talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni ghal kawza; kemm ghax sakemm spiccat il-kawza quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenut ma kellhux problemi fir-rigward u halla l-kawza

tiehu l-kors normali taghha sakemm inghatat is-sentenza appellata wara gbir u smigh tal-provi miz-zewg nahat, u li dam ghaddej circa (5) snin. Illi ghalhekk hadd mill-partijiet ma sofra xi pregudizzju procedurali, u inoltre, kif jirrizulta minn din is-sentenza, is-sentenza appellata hija sostanzjalment gusta. Ukoll, fir-rikors tieghu l-konvenut ma indikax x'pregudizzju seta' sofra b'dak allegat minnu fl-istess rikors. Anzi jinghad li kieku kellha tigi akkolta t-talba tal-konvenut, il-persuna li ser issofri pregudizzju hija l-attrici li ilha mis-sena 2006 tithabat sabiex tiehu sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, partikolarment is-somma sostanzjali ta' flus u l-manteniment dovuta lilha mill-konvenut.

**61.** Barra minnhekk mill-premess ma jirrizultax, u ma kien hemm ebda ilment, li jista' jwassal ghal vjolazzjoni ghad-dritt ta' smigh xieraq la tal-attrici u lanqas tal-konvenut.

**62.** Ghalhekk din it-talba, maghmula f'dan l-istadju ma timmeritax li tigi milqugha. Lanqas mhu ser tigi milqugha t-talba dwar ir-referenza kostituzzjonali fin-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi li fuqhom il-konvenut qed jibbaza t-talba tieghu u fin-nuqqas tal-icken hjiel tar-ragunijiet li jiggustifikaw tali riferenza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament, u tvarja s-sentenza appellata kif ser jinghad: tirrevoka l-*quantum* tal-manteniment fissat mill-Qorti, u minflok, tiffissa manteniment ta' mija u ghoxrin Euro (€120) fix-xahar; tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata; tichad it-talbiet maghmula mill-appellant fir-rikors tieghu pprezentat fis-17 ta' April 2012.

L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------